**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-03 ta' Novembru, 2017**

**Talba numru 361/2017 AM3**

**Lista Numru: 11**

**Lourdes Bianchi (KI 411186 M)**

**61, La Maison,**

**Triq il-Parocca,**

**Hal Luqa**

**vs**

**Joseph Azzopardi (KI 570181 M)**

**Ta' Pinu House,**

**Triq Guze Galea,**

**Qormi**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Awwissu, 2017 li permezz tieghu l-attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' elf tlett mija u tlieta u

tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,333.33c) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100) spejjez ta' sahha u edukazzjoni u s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€233.33c) arretrati ta' manteniment u dan ai termini ta' digriet tas-16 ta' Mejju, 2016 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, izda huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mill-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li lill-attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut, issib li t-talba tal-attrici li tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' elf tlett mija u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,333.33c) bl-imghax legali mis-26 ta' Awwissu, 2017 d-data meta l-konvenut gie debitament notifikat b'din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru huma a kariku tal-konvenut .

**Av. Anna Mallia**

**Ġudikatur**